MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Numru 257/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**
**vs**
**Johann Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Johann Mifsud** ta’ 34 sena, imwieled Pieta’ il-15 ta’ Settembru 1977, iben Michael u Maria Dolores *nee*’ Camilleri, residenti Semper Virens Flat 3, Triq Pietru Buttigeig, Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 475377(M):

Talli f’dawn il-gzejjer fis-17 t’April 2012, kif ukoll f’dan l-ahhar xaghrejn qabel din id-data, f’hinijiet differenti u f’diversi postijiet madwar Malta:

1. Ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur tal-artikolu 8 (c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghek il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Talli matul din l-ahhar sena, f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta:

3. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta'Art 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellu fil-pussess tieghu d-driga Herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-

kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-registratur, ta’ l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta’ l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-proces-verbal ta’ l-inkjesta, f’dawk iz-zmien w f’dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-ordni tal-agent avukat generali tat-18 ta’ April 2012 skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza Kap 101;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 8(c) u (d) Taqsima III, dawk tat-Taqsima IV u VI tal-Kap 101 u GN292/1939;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lil Johann Mifsud ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tlett (3) snin mil-lum kif ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ elf (€1,000.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------